



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2011/0368(COD)

20.9.2012

EMENDI 33 - 90

**Abbozz ta' rapport
Salvatore Iacolino**
(PE491.240v01-00)

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tar-riskji

Proposta għal regolament
(COM(2011)0753 – C7-0445/2011 – 2011/0368(COD))

AM\913304MT.doc

PE494.833v03-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

Emenda 33
Marie-Christine Vergiat

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) L-għan tal-Unjoni li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà fi spazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (Artikolu 67 (3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni) għandu jinkiseb, inter alia, permezz ta' miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità kif ukoll permezz ta' miżuri għal koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi rilevanti.

Emenda

(1) L-għan tal-Unjoni li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà fi spazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (Artikolu 67 (3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni) għandu jinkiseb, inter alia, permezz ta' miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità kif ukoll permezz ta' miżuri għal koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi rilevanti. ***Dan l-għan għandu jinkiseb filwaqt li jkun żgurat ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem (Artikolu 67(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea) skont id-dispożizzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-obligazzjonijiet internazzjonali u d-dispożizzjonijiet interni tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun speċifikat li livell għoli ta' sigurtà hu għan li jrid jinkiseb filwaqt li jkun żgurat rispett għall-prinċipji u l-valuri demokratiċi u l-istat tad-dritt, kif ukoll il-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem.

Emenda 34
Alexander Alvaro

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Sabiex jinkiseb dan l-għan, għandhom

Emenda

(2) Sabiex jinkiseb dan l-għan, għandhom

jittieħdu azzjonijiet imtejba fuq livell tal-Unjoni għall-protezzjoni ta' persuni u oġġetti minn theddidiet transnazzjonali dejjem jiżdiedu u għall-appoġġ tax-xogħol imwettaq mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. It-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, it-traffikar tad-droga, il-korruzzjoni, iċ-ċiberkriminalità, it-traffikar tal-bnedmin u l-armi, inter alia, jibqgħu jisfidaw is-sigurtà interna tal-Unjoni.

jittieħdu azzjonijiet imtejba fuq livell tal-Unjoni għall-protezzjoni ta' persuni u oġġetti minn theddidiet transnazzjonali dejjem jiżdiedu u għall-appoġġ tax-xogħol imwettaq mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. It-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, it-traffikar tad-droga, il-korruzzjoni, **iċ-ċibersigurtà**, it-traffikar tal-bnedmin u l-armi, inter alia, jibqgħu jisfidaw is-sigurtà interna tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 35 **Marie-Christine Vergiat**

Proposta għal regolament **Premessa 3**

Test propost mill-Kummissjoni

(3) L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna għall-Unjoni Ewropea, adottata mill-Kunsill fi Frar 2010, tikkostitwixxi aġenda kondiviża sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi tas-sigurtà komuni. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Novembru 2010 "*L-Istrateġija fl-Azzjoni tas-Sigurtà Interna tal-UE*" tittraduċi l-prinċipji u l-linji gwida tal-istrateġija f'azzjonijiet konkreti billi tidentifika ħames għanijiet strateġiċi: it-tfixkil tan-netwerks tal-kriminalità internazzjonali, il-prevenzjoni tat-terroriżmu u l-indirizzar **tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ**, iż-żieda fil-livelli tas-sigurtà għal ċittadini u negozji fiċ-ċiberspazju, it-tisħiħ tas-sigurtà permezz tal-ġestjoni fil-fruntieri u għaż-żieda tar-reżiljenza tal-Ewropa għal kriżijiet u diżastri.

Emenda

(3) L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna għall-Unjoni Ewropea, adottata mill-Kunsill fi Frar 2010, tikkostitwixxi aġenda kondiviża sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi tas-sigurtà komuni. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Novembru 2010 "*L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni*" tittraduċi l-prinċipji u l-linji gwida tal-istrateġija f'azzjonijiet konkreti billi tidentifika ħames għanijiet strateġiċi: it-tfixkil tan-netwerks tal-kriminalità internazzjonali, il-prevenzjoni tat-terroriżmu u l-indirizzar **tat-theddida li tirriżulta mill-qawmien mill-ġdid ta' radikaliżmu politku vjolenti**, iż-żieda fil-livelli tas-sigurtà għal ċittadini u negozji fiċ-ċiberspazju, it-tisħiħ tas-sigurtà permezz tal-ġestjoni fil-fruntieri u għaż-żieda tar-reżiljenza tal-Ewropa għal kriżijiet u diżastri. **Il-prevenzjoni hi essenzjali għall-ġlieda kontra dawn l-iżviluppi u t-theddida li jirrappreżentaw u għaldaqstant hi komponent ċentrali ta' dan l-istrument fil-kontribuzzjoni għall-**

Ġustifikazzjoni

Hu essenzjali li hawnhekk tiġi miżjuda r-referenza għall-prevenzjoni, peress li hi inkluża fost l-għanijiet tal-Artikolu 3 ta' din il-proposta.

Emenda 36
Marie-Christine Vergiat

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Is-solidarjetà fost l-Istati Membri, iċ-
ċarezza dwar id-diviżjoni tal-kompiti, ir-
rispett għad-drittijiet fundamentali u l-istat
tad-dritt kif ukoll l-iffukar b'saħħtu fuq il-
perspettiva globali u ***l-konnessjoni***
inestrikabbli mas-sigurtà esterna
għandhom ikunu l-prinċipji ewlenin li
jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-
Istrateġija tas-Sigurtà Interna.

Emenda

(4) Is-solidarjetà fost l-Istati Membri, iċ-
ċarezza dwar id-diviżjoni tal-kompiti, ir-
rispett għad-drittijiet fundamentali u ***l-***
libertajiet u l-istat tad-dritt kif ukoll l-
iffukar b'saħħtu fuq il-perspettiva globali u
l-interazzjoni tagħha mas-sigurtà esterna
għandhom ikunu l-prinċipji ewlenin li
jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-
Istrateġija tas-Sigurtà Interna.

Emenda 37
Timothy Kirkhope
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Fi ħdan il-qafas komprensiv tal-Fond
għas-Sigurtà Interna, l-għajnuna finanzjarja
provduta taħt dan l-Istrument għandha
tappoġġja l-kooperazzjoni tal-pulizija, l-
iskambju tal-informazzjoni u l-aċċess
għaliha, il-prevenzjoni kontra l-kriminalità,

Emenda

(9) Fi ħdan il-qafas komprensiv tal-Fond
għas-Sigurtà Interna, l-għajnuna finanzjarja
provduta taħt dan l-Istrument għandha
tappoġġja l-kooperazzjoni tal-pulizija, l-
iskambju tal-informazzjoni u l-aċċess
għaliha, il-prevenzjoni kontra l-kriminalità,

il-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali, serja u organizzata li tinkludi t-terroriżmu, il-protezzjoni tan-nies u l-infrastruttura kritika kontra l-inċidenti marbuta mas-sigurtà u l-ġestjoni effettiva tar-riskju u kriżijiet marbuta mas-sigurtà filwaqt li jiġu kkunsidrati l-politiki komuni (strateġiji, programmi u pjanijiet ta' azzjoni), il-leġiżlazzjoni u l-kooperazzjoni Prattika.

il-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali, serja u organizzata li tinkludi t-terroriżmu, ***it-traffikar tal-bnedmin, l-isfruttament sesswali tat-tfal u d-distribuzzjoni ta' immaġnijiet ta' abbuż fuq it-tfal***, il-protezzjoni tan-nies u l-infrastruttura kritika kontra l-inċidenti marbuta mas-sigurtà u l-ġestjoni effettiva tar-riskju u kriżijiet marbuta mas-sigurtà filwaqt li jiġu kkunsidrati l-politiki komuni (strateġiji, programmi u pjanijiet ta' azzjoni), il-leġiżlazzjoni u l-kooperazzjoni Prattika.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-traffikar tal-bnedmin u l-isfruttament sesswali tat-tfal huma fost l-aġhar forom ta' kriminalità serja u organizzata. Għandhom ikunu msemmija speċifikament f'din il-Premessa.

Emenda 38 **Monika Hohlmeier**

Proposta għal regolament **Premessa 10**

Test propost mill-Kummissjoni

(10) L-ġhajjnuna finanzjarja f'dawn l-oqsma għandha b'mod partikolari tappoġġja ***azzjonijiet għall-promozzjoni ta'*** operazzjonijiet transkonfinali konġunti, l-aċċess għall-informazzjoni u l-iskambju tagħha, l-iskambju tal-aħjar *prattiċi*, komunikazzjoni u koordinazzjoni faċilitati u siguri, it-taħriġ u l-iskambju tal-persunal, attivitajiet analitiċi, ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, valutazzjonijiet komprensivi ta' theddid u riskji, attivitajiet li jżidu l-għarfien, l-ittestjar u l-validazzjoni ta' teknoloġiji ġodda, ir-riċerka tax-xjenza forensika u l-akkwist ta' tagħmir interoperabbli tekniku.

Emenda

(10) L-ġhajjnuna finanzjarja f'dawn l-oqsma għandha b'mod partikolari tappoġġja ***l-azzjoni li għandha l-għan li ttejjeb il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (EUROPOL). Dawn l-azzjonijiet għandhom jippromwovu*** operazzjonijiet transkonfinali konġunti, l-aċċess għall-informazzjoni u l-iskambju tagħha, l-iskambju tal-aħjar *prattiki*, komunikazzjoni u koordinazzjoni faċilitati u siguri, it-taħriġ u l-iskambju tal-persunal, attivitajiet analitiċi, ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, valutazzjonijiet komprensivi ta' theddid u riskji, attivitajiet li jżidu l-għarfien, l-ittestjar u l-validazzjoni ta' teknoloġiji ġodda, ir-riċerka tax-xjenza forensika u l-akkwist ta' tagħmir interoperabbli tekniku.

Emenda 39
Rui Tavares

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) L-ghajjnuna finanzjarja f'dawn l-oqsma għandha b'mod partikolari tappoġġja azzjonijiet għall-promozzjoni ta' operazzjonijiet transkonfinali konġunti, l-aċċess għall-informazzjoni u l-iskambju ta' tagħha, l-iskambju tal-aħjar *prattiċi*, komunikazzjoni u koordinazzjoni faċilitati u siguri, it-taħriġ u l-iskambju tal-persunal, attivitajiet analitiċi, ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, valutazzjonijiet komprensivi ta' theddid u riskji, attivitajiet li jżidu l-għarfien, l-ittestjar u l-validazzjoni ta' teknoloġiji ġodda, ir-riċerka tax-xjenza forensika u l-akkwist ta' tagħmir interoperabbli tekniku.

Emenda

(10) L-ghajjnuna finanzjarja f'dawn l-oqsma għandha b'mod partikolari tappoġġja azzjonijiet għall-promozzjoni ta' operazzjonijiet transkonfinali konġunti, l-aċċess għall-informazzjoni u l-iskambju ta' tagħha, l-iskambju tal-aħjar *prattiki*, komunikazzjoni u koordinazzjoni faċilitati u siguri, it-taħriġ u l-iskambju tal-persunal, attivitajiet analitiċi, ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, valutazzjonijiet komprensivi ta' theddid u riskji, attivitajiet li jżidu l-għarfien, l-ittestjar u l-validazzjoni ta' teknoloġiji ġodda, ir-riċerka tax-xjenza forensika u l-akkwist ta' tagħmir interoperabbli tekniku. ***L-assistenza finanzjarja f'dawn l-oqsma għandhom jappoġġaw biss l-azzjonijiet li huma konformi mal-prijoritajiet u l-inizjattivi tal-Unjoni li ġew approvati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.***

Ġustifikazzjoni

L-ebda fond m'għandu jintuża bħala mezz għall-finanzjament ta' miżuri jew prattiki li ma jkunux ġew approvati minn qabel bi qbil politiku fil-livell tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill l-ewwel.

Emenda 40
Marie-Christine Vergiat

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Fil-pajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom għandhom jittieħdu miżuri permezz ta' dan l-istrument b'sinerġija u koerenza ma' azzjonijiet oħra barra l-Unjoni bl-appoġġ tal-istrumenti ta' għajnuna esterna tal-Unjoni, kemm dawk ġeografiċi kif ukoll tematiċi. B'mod partikolari, fl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet, se jiġi mfittex li jkun hemm koerenza sħiħa mal-prinċipji u l-għanijiet ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni u l-politika barranija marbuta mal-pajjiż jew reġjun inkwistjoni. M'għandhomx ikunu maħsuba biex jappoġġjaw azzjonijiet direttament orjentati lejn l-iżvilupp u għandhom jikkomplimentaw, meta xieraq, assistenza finanzjarja pprovduta permezz tal-istrumenti tal-għajnuna esterna. Se jkun hemm ukoll sforzi għal koerenza fil-politika umanitarja tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' emerġenza.

Emenda

(11) Fil-pajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom għandhom jittieħdu miżuri permezz ta' dan l-istrument b'sinerġija u koerenza ma' azzjonijiet oħra barra l-Unjoni bl-appoġġ tal-istrumenti ta' għajnuna esterna tal-Unjoni, kemm dawk ġeografiċi kif ukoll tematiċi. B'mod partikolari, fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet bħal dawn, għandu jkun hemm sforz biex ikun hemm koerenza sħiħa mal-prinċipji u l-għanijiet ġenerali tal-azzjoni esterna u l-politika barranija tal-Unjoni marbuta mal-pajjiż jew ir-reġjun inkwistjoni, **mal-prinċipju u l-valuri demokratiċi, id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt u s-sovranità tal-pajjiżi terzi**. M'għandhomx ikunu maħsuba biex jappoġġjaw azzjonijiet direttament orjentati lejn l-iżvilupp u għandhom jikkomplimentaw, meta xieraq, assistenza finanzjarja pprovduta permezz tal-istrumenti tal-għajnuna esterna. Se jkun hemm ukoll sforzi għal koerenza fil-politika umanitarja tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' emerġenza.

Or. fr

Emenda 41
Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Fil-pajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom għandhom jittieħdu miżuri permezz ta' dan l-istrument b'sinerġija u koerenza ma' azzjonijiet oħra barra l-Unjoni bl-appoġġ tal-istrumenti ta' għajnuna esterna tal-Unjoni, kemm dawk ġeografiċi kif ukoll tematiċi. B'mod partikolari, fl-

Emenda

(11) Fil-pajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom għandhom jittieħdu miżuri permezz ta' dan l-istrument b'sinerġija u koerenza ma' azzjonijiet oħra barra l-Unjoni bl-appoġġ tal-istrumenti ta' għajnuna esterna tal-Unjoni, kemm dawk ġeografiċi kif ukoll tematiċi. B'mod partikolari, fl-

implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet, se jiġi mfittex li jkun hemm koerenza sħiħa mal-prinċipji u l-għanijiet ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni u l-politika barranija marbuta mal-pajjiż jew reġjun inkwistjoni. M'għandhomx ikunu maħsuba biex jappoġġjaw azzjonijiet direttament orjentati lejn l-iżvilupp u għandhom jikkomplimentaw, meta xieraq, assistenza finanzjarja pprovduta permezz tal-istrumenti tal-għajnuna esterna. Se jkun hemm ukoll sforzi għal koerenza fil-politika umanitarja tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' emerġenza.

implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet, se jiġi mfittex li jkun hemm koerenza sħiħa mal-prinċipji u l-għanijiet ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni u l-politika barranija marbuta mal-pajjiż jew reġjun inkwistjoni. M'għandhomx ikunu maħsuba biex jappoġġjaw azzjonijiet direttament orjentati lejn l-iżvilupp u għandhom jikkomplimentaw, meta xieraq, assistenza finanzjarja pprovduta permezz tal-istrumenti tal-għajnuna esterna. Se jkun hemm ukoll sforzi għal koerenza fil-politika umanitarja tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' emerġenza. ***Għal dan il-għan, għandu jitwaqqaf grupp ta' ħidma mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru .../2012 [regolament orizzontali] biex jiżgura l-aħjar koordinazzjoni bejn id-diversi servizzi u partijiet interessati Ewropej.***

Or. fr

Emenda 42 **Rui Tavares**

Proposta għal regolament **Premessa 11**

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Fil-pajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom għandhom jittieħdu miżuri ***permezz ta' dan l-istrument b'sinerġija u koerenza ma' azzjonijiet oħra barra l-Unjoni*** bl-appoġġ tal-istrumenti ta' għajnuna esterna tal-Unjoni, kemm dawk ġeografiċi kif ukoll tematiċi. B'mod partikolari, fl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet, se jiġi mfittex li jkun hemm koerenza sħiħa mal-prinċipji u l-għanijiet ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni u l-politika barranija marbuta mal-pajjiż jew reġjun inkwistjoni. M'għandhomx ikunu maħsuba biex jappoġġjaw azzjonijiet direttament

Emenda

(11) Fil-pajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom għandhom jittieħdu miżuri bl-appoġġ tal-istrumenti ta' għajnuna esterna tal-Unjoni, kemm dawk ġeografiċi kif ukoll tematiċi. B'mod partikolari, fl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet, se jiġi mfittex li jkun hemm koerenza sħiħa mal-prinċipji u l-għanijiet ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni u l-politika barranija marbuta mal-pajjiż jew reġjun inkwistjoni. M'għandhomx ikunu maħsuba biex jappoġġjaw azzjonijiet direttament orjentati lejn l-iżvilupp u għandhom jikkomplimentaw, meta xieraq, assistenza

orjentati lejn l-iżvilupp u għandhom jikkomplimentaw, meta xieraq, assistenza finanzjarja pprovduta permezz tal-istrumenti tal-għajnuna esterna. Se jkun hemm ukoll sforzi għal koerenza fil-politika umanitarja tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' emerġenza.

finanzjarja pprovduta permezz tal-istrumenti tal-għajnuna esterna. Se jkun hemm ukoll sforzi għal koerenza fil-politika umanitarja tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' emerġenza.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-miżuri u l-azzjonijiet fir-rigward tad-dimensjoni esterna tas-sigurtà interna għandhom ikunu sorveljati mis-Servizz għall-Azzjoni Esterna u għandhom ikunu konsistenti mal-prinċipji u l-għanijiet ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, u mad-drittijiet fundamentali skont l-Artikoli 2, 6, 21 tat-Trattat UE.

Emenda 43
Timothy Kirkhope
fisem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12a) Skont l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Istrument għandu jkollu l-għan li jiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, inkluż il-protezzjoni tat-tfal kontra l-vjolenza, l-abbuż, l-isfruttament u n-negliġenza.

L-Istrument għandu jappoġġa b'mod partikolari s-salvagwardji u l-assistenza ta' xhieda u vittmi li huma tfal, u l-protezzjoni u l-appoġġ speċjali għal tfal mhux akkumpanjati jew tfal li b'xi mod jew ieħor għandhom bżonn ta' kurazija.

Għandhom jitwettqu monitoraġġ u evalwazzjoni regolari, inkluż il-monitoraġġ tal-infiq, biex ikun ivvalutat il-mod kif qed tiġi indirizzata l-protezzjoni tat-tfal fl-attivitajiet tal-Istrument.

Ġustifikazzjoni

L-UE impenjat ruħha li tippoteġi d-drittijiet tat-tfal. Hemm bżonn li dawn l-isforzi jsiru viżibbli fl-implimentazzjoni u t-twettiq ta' dan ir-Regolament.

Emenda 44
Alexander Alvaro

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Sabiex jirrinforzaw **is-solidarjetà u l-kondiviżjoni** tar-responsabbiltà għal politiki, strateġiji u programmi komuni tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jiġu inkoraġġuti sabiex jużaw il-parti tar-riżorsi globali disponibbli għall-programmi nazzjonali għall-indirizzar tal-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni stabbiliti fl-anness ma' dan ir-Regolament. Għal proġetti li jindirizzaw dawn il-prijoritajiet, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-ispiża totali eliġibbli tagħhom għandha tizzied għal 90 %, skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Regolament Orizzontali].

Emenda

(15) Sabiex jirrinforzaw **il-kondiviżjoni** tar-responsabbiltà għal politiki, strateġiji u programmi komuni tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jiġu inkoraġġuti sabiex jużaw il-parti tar-riżorsi globali disponibbli għall-programmi nazzjonali għall-indirizzar tal-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni stabbiliti fl-anness ma' dan ir-Regolament. Għal proġetti li jindirizzaw dawn il-prijoritajiet, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-ispiża totali eliġibbli tagħhom għandha tizzied għal 90 %, skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Regolament Orizzontali].

Or. en

Emenda 45
Alexander Alvaro

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Il-limitu massimu għal riżorsi li jibqgħu għad-dispożizzjoni tal-Unjoni għandu jkun ugwali għar-riżorsi allokatil lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali tagħhom. Dan se

Emenda

(16) Il-limitu massimu għal riżorsi li jibqgħu għad-dispożizzjoni tal-Unjoni għandu jkun ugwali għar-riżorsi allokatil lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali tagħhom. Dan se

jiżgura li l-Unjoni hija kapaċi tappoġġja f' sena baġitarja partikolari, azzjonijiet li huma ta' interess partikolari għall-Unjoni, bħal studji, ittestjar u validazzjoni ta' teknoloġiji ġodda, proġetti transnazzjonali, netwerking u skambju tal-aħjar *prattiċi*, monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-dritt rilevanti tal-Unjoni u l-politiki u l-azzjonijiet tal-Unjoni b'rabta ma' pajjiżi terzi u fihom. L-azzjonijiet appoġġjati għandhom ikunu konformi mal-prijoritajiet identifikati fl-istrategġiji, il-programmi, il-pjanijiet ta' azzjoni u l-valutazzjonijiet tar-riskji u t-theddid rilevanti tal-Unjoni.

jiżgura li l-Unjoni hija kapaċi tappoġġja f' sena baġitarja partikolari, azzjonijiet li huma ta' interess partikolari għall-Unjoni, bħal studji, ittestjar u validazzjoni ta' teknoloġiji ġodda, proġetti transnazzjonali, netwerking u skambju tal-aħjar *prattiki*, monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-dritt rilevanti tal-Unjoni u l-politiki u l-azzjonijiet tal-Unjoni b'rabta ma' pajjiżi terzi u fihom. L-azzjonijiet appoġġjati għandhom ikunu konformi mal-prijoritajiet identifikati fl-istrategġiji, ***inkluż strategġija ta' ċibersigurtà***, il-programmi, il-pjanijiet ta' azzjoni u l-valutazzjonijiet tar-riskji u t-theddid rilevanti tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 46
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18a) It-Trattat ta' Lisbona jipprevedi biss atti delegati bħala atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali relatati ma' elementi mhux essenzjali ta' atti leġiżlattivi; Kwalunkwe element essenzjali għandu jkun stipulat fl-att leġiżlattiv inkwistjoni.

Or. en

Emenda 47
Alexander Alvaro

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) 'skambju tal-informazzjoni u l-aċċess

(b) 'skambju tal-informazzjoni u l-aċċess

għaliha' tfisser il-ġbir, *il-ħażna*, l-iproċessar, l-analiżi u l-iskambju tal-informazzjoni rilevanti għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi f'rabta mal-prevenzjoni, id-detezzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, b'mod partikolari kriminalitajiet transkonfinali, serji u organizzati.

għaliha' tfisser il-ġbir ***b'sigurtà il-ħżin***, l-iproċessar, l-analiżi u l-iskambju tal-informazzjoni rilevanti għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ***fl-Unjoni*** f'rabta mal-prevenzjoni, id-detezzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, b'mod partikolari kriminalitajiet transkonfinali, serji u organizzati.

Or. en

Emenda 48 **Jan Mulder**

Proposta għal regolament **Artikolu 2 – punt d**

Test propost mill-Kummissjoni

(d) 'kriminalità organizzata' tfisser imġiba kastigabbli mwettqa minn grupp strutturat ta' ***tlieta jew*** aktar *pesuni*, li jeżisti għal perjodu ta' żmien u jaġixxi flimkien sabiex jikseb, direttament jew indirettament, benefiċċju finanzjarju jew ieħor materjali.

Emenda

(d) 'kriminalità organizzata' tfisser imġiba kastigabbli mwettqa ***bl-għan li jitwettqu reati kastigabbli permezz ta' ċħid ta' libertà jew ordni ta' detenzjoni għal massimu ta' mill-inqas erba' snin jew piena aktar serja mwettqa*** minn grupp strutturat ta' ***aktar minn żewġ persuni***, li jeżisti għal perjodu ta' żmien u jaġixxi flimkien sabiex jikseb, direttament jew indirettament, benefiċċju finanzjarju jew ieħor materjali.

Or. en

Emenda 49 **Marian-Jean Marinescu**

Proposta għal regolament **Artikolu 2 – punt f**

Test propost mill-Kummissjoni

(f) 'ġestjoni tar-riskji u *l-kriżi*' tfisser kwalunkwe miżura marbuta mal-valutazzjoni, il-prevenzjoni, it-tħejjija u l-

Emenda

(f) 'ġestjoni tar-riskji u *l-kriżijiet*' tfisser kwalunkwe miżura marbuta mal-valutazzjoni, il-prevenzjoni, it-tħejjija u l-

ġestjoni tal-konsegwenzi tat-terroriżmu u riskji oħra marbuta mas-sigurtà.

ġestjoni tal-konsegwenzi tat-terroriżmu, ***kriminalità organizzata*** u riskji oħra marbuta mas-sigurtà.

Or. en

Emenda 50
Georgios Papanikolaou

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) ‘infrastruttura kritika’ tfisser kwalunkwe riżorsi fiżiċi, servizzi, faċilitajiet ta’ teknoloġija tal-informatika, ***networks*** u assi ta’ infrastruttura li, jekk imfixkla jew meqruda, ikollhom impatt serju fuq funzjonijiet kritiċi tas-soċjetà, inklużi l-katina tal-provvista, is-saħħa, is-sigurtà, il-benessri ekonomiku jew soċjali tan-nies jew tal-funzjonament tal-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha.

Emenda

(i) ‘infrastruttura kritika’ tfisser kwalunkwe riżorsi fiżiċi, servizzi, faċilitajiet ta’ teknoloġija tal-informatika, ***network*** u assi ta’ infrastruttura li, jekk imfixkla jew meqruda, ikollhom impatt serju fuq funzjonijiet kritiċi tas-soċjetà, inklużi l-katina tal-provvista, is-saħħa, is-sigurtà, il-benessri ekonomiku jew soċjali tan-nies jew tal-funzjonament tal-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha.

Or. el

Emenda 51
Alexander Alvaro

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) ‘infrastruttura kritika’ tfisser kwalunkwe riżorsi fiżiċi, servizzi, faċilitajiet ta’ teknoloġija tal-informatika, ***networks*** u assi ta’ infrastruttura li, jekk imfixkla jew meqruda, ikollhom impatt serju fuq funzjonijiet kritiċi tas-soċjetà, inklużi l-katina tal-provvista, is-saħħa, is-sigurtà, il-benessri ekonomiku jew soċjali tan-nies jew tal-funzjonament tal-Unjoni

Emenda

(i) ‘infrastruttura kritika’ tfisser kwalunkwe riżorsi fiżiċi, servizzi, faċilitajiet ta’ teknoloġija tal-informatika, ***networks*** u assi ta’ infrastruttura li, jekk imfixkla, ***miksura*** jew meqruda, ikollhom impatt serju fuq funzjonijiet kritiċi tas-soċjetà, inklużi l-katina tal-provvista, is-saħħa, is-sigurtà, il-benessri ekonomiku jew soċjali tan-nies jew tal-funzjonament

jew l-Istati Membri tagħha.

tal-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha.

Or. en

Emenda 52
Marie-Christine Vergiat

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni

(j) 'sitwazzjoni ta' emerġenza' tfisser kwalunkwe inċident relatat mas-sigurtà jew theddida emerġenti ġdida li għandu jew li jista' jkollu impatt negattiv sinifikanti fuq is-sigurtà tan-nies fi Stat Membru wieħed jew iżjed.

Emenda

(j) 'sitwazzjoni ta' emerġenza' tfisser kwalunkwe inċident relatat mas-sigurtà jew theddida emerġenti ġdida li għandu jew li jista' jkollu impatt negattiv sinifikanti fuq is-sigurtà tan-nies fi Stat Membru wieħed jew iżjed, ***bl-esklużjoni ta' kwalunkwe miżura għall-immaniġġjar tal-flussi tal-migranti.***

Or. fr

Emenda 53
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt -a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(-a) tisħiħ tal-kapaċità tal-Istati Membri biex jikkooperaw mal-Europol u biex jagħmlu użu aħjar tal-prodotti u s-servizzi tal-Europol.

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel kontra indikaturi bħal, inter alia, in-numru ta' kontribuzzjonijiet mibgħuta lill-bażijiet ta' dejta tal-Europol u n-numru ta' każijiet li jinfetħu.

Or. en

Emenda 54
Timothy Kirkhope
fisem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali serja u organizzata, inkluż it-terroriżmu, u t-tishiĥ tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi rilevanti.

Emenda

(a) il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata transkonfinali inkluż it-terroriżmu, ***it-traffikar tal-bnedmin, l-isfruttament sesswali tat-tfal u d-distribuzzjoni ta' immaġnijiet ta' abbuż fuq it-tfal*** u t-tishiĥ tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi rilevanti.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-traffikar tal-bnedmin u l-isfruttament sesswali tat-tfal huma fost l-aġhar forom ta' kriminalità serja u organizzata. Għandhom ikunu msemmija speċifikament fil-lista tal-għanijiet ta' dan ir-Regolament.

Emenda 55
Rui Tavares

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali serja u organizzata, inkluż it-terroriżmu, u t-tishiĥ tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri ***u ma' pajjiżi terzi rilevanti.***

Emenda

(a) il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali serja u organizzata, inkluż it-terroriżmu, u t-tishiĥ tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-miżuri u l-azzjonijiet fir-rigward tad-dimensjoni esterna tas-sigurtà interna għandhom ikunu sorveljati mis-Servizz għall-Azzjoni Esterna u għandhom ikunu konsistenti mal-prinċipji u l-għanijiet ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, u mad-drittijiet fundamentali skont l-Artikoli 2, 6, 21 tat-Trattat UE.

Emenda 56 Jan Mulder

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel kontra indikaturi bħal, fost l-oħrajn, in-numru ta' operazzjonijiet transkonfinali-konġunti u n-numru ta' dokumenti dwar l-aħjar prattika u avvenimenti organizzati.

Emenda

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel ***mill-Kummissjoni*** kontra indikaturi bħal, fost l-oħrajn, in-numru ta' operazzjonijiet transkonfinali-konġunti u n-numru ***u l-kwalità*** ta' dokumenti dwar l-aħjar prattika u avvenimenti organizzati.

Or. en

Emenda 57 Jan Mulder

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel kontra indikaturi bħal, fost l-oħrajn, in-numru ta' għodod fis-seħħ u/jew aġġornati ulterjorment sabiex jiffaċilitaw il-protezzjoni ta' infrastruttura kritika permezz tal-Istati Membri fis-setturi kollha tal-ekonomija u n-numru ta' valutazzjonijiet tat-theddid u tar-riskju prodotti fil-livell tal-Unjoni.

Emenda

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel ***mill-Kummissjoni*** kontra indikaturi bħal, fost l-oħrajn, in-numru ta' għodod fis-seħħ u/jew aġġornati ulterjorment sabiex jiffaċilitaw il-protezzjoni ta' infrastruttura kritika permezz tal-Istati Membri fis-setturi kollha tal-ekonomija u n-numru ta' valutazzjonijiet tat-theddid u tar-riskju prodotti fil-livell tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 58
Jan Mulder

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni neċessarja li hi meħtieġa għall-valutazzjoni tal-kisbiet, kif imkejla kontra l-indikaturi.

Or. en

Emenda 59
Hubert Pirker

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) tisħiħ tal-kapaċità tal-Istati Membri biex jikkooperaw mal-Europol u biex jagħmlu użu aħjar tal-prodotti u s-servizzi tal-Europol.

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel kontra indikaturi bħal, inter alia, in-numru ta' kontribuzzjonijiet mibgħuta lill-bażijiet ta' dejta tal-Europol u n-numru ta' każijiet li jinfetħu.

Or. en

Emenda 60
Alexander Alvaro

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt a

PE494.833v03-00

18/35

AM\913304MT.doc

Test propost mill-Kummissjoni

(a) miżuri (metodoloġiji, għodod, strutturi) li jsaħħu l-kapaċità tal-Istati Membri biex jevitaw u jiġġieldu l-kriminalità transkonfinali, serja u organizzata **li tinkludi t-terroriżmu**, b'mod partikolari permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati, l-iskambju tal-informazzjoni u l-aħjar *prattiċi*, aċċess għad-dejta, teknoloġiji interoperabbli, statistika komparabbli, kriminoloġija applikata, komunikazzjoni pubblika u żieda ta' għarfien.

Emenda

(a) miżuri (metodoloġiji, għodod, strutturi) li jsaħħu l-kapaċità tal-Istati Membri biex jevitaw u jiġġieldu l-kriminalità transkonfinali, serja u organizzata, **iċ-ċiberkriminalità jew it-terroriżmu**, b'mod partikolari permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati, l-iskambju tal-informazzjoni u l-aħjar *prattiki*, aċċess għad-dejta, teknoloġiji interoperabbli, statistika komparabbli, kriminoloġija applikata, komunikazzjoni pubblika u żieda ta' għarfien.

Or. en

Emenda 61
Rui Tavares

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) miżuri (metodoloġiji, għodod, strutturi) li jsaħħu l-kapaċità tal-Istati Membri biex jevitaw u jiġġieldu l-kriminalità transkonfinali, serja u organizzata li tinkludi t-terroriżmu, b'mod partikolari permezz **ta' sħubijiet pubbliċi-privati**, l-iskambju tal-informazzjoni u l-aħjar *prattiċi*, aċċess għad-dejta, teknoloġiji interoperabbli, statistika komparabbli, kriminoloġija applikata, komunikazzjoni pubblika u żieda ta' għarfien.

Emenda

(a) miżuri (metodoloġiji, għodod, strutturi) li jsaħħu l-kapaċità tal-Istati Membri biex jevitaw u jiġġieldu l-kriminalità transkonfinali, serja u organizzata li tinkludi t-terroriżmu, b'mod partikolari permezz **tal-iskambju** tal-informazzjoni u l-aħjar *prattiki*, aċċess għad-dejta, teknoloġiji interoperabbli, statistika komparabbli, kriminoloġija applikata, komunikazzjoni pubblika u żieda ta' għarfien.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iżgurar tas-sikurezza pubblika hu responsabbiltà fundamentali tal-istat, li m'għandhiex tkun esternalizzata lil atturi privati interessati fil-ħolqien ta' industrija tas-sigurtà.

Emenda 62
Marie-Christine Vergiat

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) miżuri (metodoloġiji, għodod, strutturi) li jsaħħu l-kapaċità tal-Istati Membri biex jevitaw u jiġġieldu l-kriminalità transkonfinali, serja u organizzata li tinkludi t-terroriżmu, b'mod partikolari permezz **ta' sħubijiet pubbliċi-privati, l-iskambju** tal-informazzjoni u l-aħjar *prattiċi*, aċċess għad-dejta, teknoloġiji interoperabbli, statistika komparabbli, kriminoloġija applikata, komunikazzjoni pubblika u żieda ta' għarfien.

Emenda

(a) miżuri (metodoloġiji, għodod, strutturi) li jsaħħu l-kapaċità tal-Istati Membri biex jevitaw u jiġġieldu l-kriminalità transkonfinali, serja u organizzata li tinkludi t-terroriżmu, b'mod partikolari **permezz tal-iskambju** tal-informazzjoni u l-aħjar *prattiki*, aċċess għad-dejta, teknoloġiji interoperabbli, statistika komparabbli, kriminoloġija applikata, komunikazzjoni pubblika u żieda ta' għarfien.

Or. fr

Emenda 63
Rui Tavares

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) koordinazzjoni amministrattiva u operazzjonali, kooperazzjoni, ftehim reċiproku u l-iskambju tal-informazzjoni fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, awtoritajiet nazzjonali oħra, entitajiet tal-Unjoni rilevanti **u, fejn xieraq, ma' pajjiżi terzi.**

Emenda

(b) koordinazzjoni amministrattiva u operazzjonali, kooperazzjoni, ftehim reċiproku u l-iskambju tal-informazzjoni fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, awtoritajiet nazzjonali oħra, entitajiet tal-Unjoni rilevanti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-miżuri u l-azzjonijiet fir-rigward tad-dimensjoni esterna tas-sigurtà interna għandhom ikunu sorveljati mis-Servizz għall-Azzjoni Esterna u għandhom ikunu konsistenti mal-prinċipji u l-għanijiet ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, u mad-drittijiet fundamentali skont l-Artikoli 2, 6, 21 tat-Trattat UE.

Emenda 64
Véronique Mathieu

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) miżuri li jsaħħu l-kapaċità tal-Istati Membri biex jikkooperaw mal-Europol u jagħmlu użu aħjar tal-prodotti u s-servizzi tal-Europol,

Or. fr

Emenda 65
Marie-Christine Vergiat

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) skemi ta' taħriġ ***fl-implimentazzjoni ta' politiki ta' taħriġ Ewropej***, inkluż permezz ta' programmi tal-Unjoni speċifiċi ta' skambju tal-infurzar tal-liġi, ***sabiex titrawwem kultura Ewropea ġenwina ġudizzjarja u tal-infurzar tal-liġi.***

(c) skemi ta' taħriġ ***rigward l-għarfien tal-obligazzjonijiet relatati mar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej*** inkluż permezz ta' programmi tal-Unjoni speċifiċi ta' skambju ***bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.***

Or. fr

Emenda 66
Timothy Kirkhope
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) miżuri u l-aħjar *prattiċi għall-protezzjoni* u l-appoġġ tax-xhieda u l-vittmi tal-kriminalità.

(d) miżuri, *mekkaniżmi* u l-aħjar *prattiki għall-identifikazzjoni bikrija, il-protezzjoni* u l-appoġġ għax-xhieda u l-vittmi tal-kriminalità, *b'mod partikolari salvagwardji u l-assistenza ta' xhieda u vittmi li huma tfal, u l-protezzjoni u l-appoġġ speċjali għal tfal mhux akkumpanjati jew tfal li b'xi mod jew ieħor għandhom bżonn ta' kurazija.*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ix-xhieda u l-vittmi tal-kriminalità mhux biss għandhom bżonn protezzjoni u appoġġ iżda għandhom bżonn ukoll li jiġu identifikati kemm jista' jkun kmieni. L-UE impenjat ruħha li tipproteġi d-drittijiet tat-tfal. Hemm bżonn li dawn l-isforzi jsiru viżibbli fl-implimentazzjoni u t-twettiq ta' dan ir-Regolament.

Emenda 67 **Rui Tavares**

Proposta għal regolament **Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt e**

Test propost mill-Kummissjoni

(e) miżuri li jsaħħu l-kapaċità amministrattiva u operazzjonali tal-Istati Membri biex jipproteġu l-infrastruttura kritika fis-setturi kollha ta' attività ekonomika, inkluż permezz ta' *sħubijiet pubbliċi-privati u* koordinazzjoni, kooperazzjoni, skambju u tixrid imtejjeb ta' kompetenzi u esperjeza fi ħdan l-Unjoni u ma' pajjiżi terzi rilevanti.

Emenda

(e) miżuri li jsaħħu l-kapaċità amministrattiva u operazzjonali tal-Istati Membri biex jipproteġu l-infrastruttura kritika fis-setturi kollha ta' attività ekonomika, inkluż permezz ta' koordinazzjoni, kooperazzjoni, skambju u tixrid imtejjeb ta' kompetenzi u esperjeza fi ħdan l-Unjoni u ma' pajjiżi terzi rilevanti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iżgurar tas-sikurezza pubblika hi responsabbiltà fundamentali tal-istat, li m'għandhiex tkun esternalizzata lil atturi privati interessati fil-ħolqien ta' industrija tas-sigurtà.

Emenda 68
Rui Tavares

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) miżuri (metodoloġiji, għodod u strutturi) li jsaħħu l-kapaċità amministrattiva u operazzjonali tal-Istati Membri u l-Unjoni biex jiżviluppaw valutazzjonijiet komprensivi ta' theddid u riskji sabiex jippermettu lill-Unjoni tiżviluppa approċċi integrati bbażati fuq apprezzamenti komuni u kondiviżi f' sitwazzjonijiet ta' kriżi u *biex ittejjeb il-fehim* reċiproku tad-definizzjonijiet varji tal-livelli ta' theddid tal-Istati Membri u l-pajjiżi *msieħba*.

Emenda

(g) miżuri (metodoloġiji, għodod u strutturi) li jsaħħu l-kapaċità amministrattiva u operazzjonali tal-Istati Membri u l-Unjoni biex jiżviluppaw valutazzjonijiet komprensivi ta' theddid u riskji, ***li huma bbażati fuq evidenza u huma konformi mal-prijoritajiet u l-inizjattivi li jkunu ġew approvati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill***, sabiex jippermettu lill-Unjoni tiżviluppa approċċi integrati bbażati fuq apprezzamenti komuni u kondiviżi f' sitwazzjonijiet ta' kriżi u *ttejjeb il-fehim* reċiproku tad-definizzjonijiet varji tal-livelli ta' theddid tal-Istati Membri u l-pajjiżi *sħab*.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ebda fond m'għandu jintuża bħala mezz għall-finanzjament ta' miżuri jew prattiki li ma jkunux ġew approvati minn qabel bi qbil politiku fil-livell tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill l-ewwel.

Emenda 69
Hubert Pirker

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) attivitajiet li jtejjbu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-pulizija bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, inklużi skwadri ta' investigazzjoni konġunta u kwalunkwe forma oħra ta' operazzjoni transkonfinali konġunta, l-aċċess għall-

Emenda

(a) attivitajiet li jtejjbu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-pulizija bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, inklużi skwadri ta' investigazzjoni konġunta u kwalunkwe forma oħra ta' operazzjoni transkonfinali konġunta, l-aċċess għall-

informazzjoni u l-iskambju tagħha u teknoloġiji interoperabbli;

informazzjoni u l-iskambju tagħha u teknoloġiji interoperabbli, ***bħall-estensjoni tal-Applikazzjoni ta' Netwerk Sikura għall-Iskambju ta' Informazzjoni(SIENA) jew l-implimentazzjoni ta' loaders tad-dejta għas-sistema ta' informazzjoni tal-Europol;***

Or. en

Emenda 70
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) attivitajiet li jtejbu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-pulizija bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, inklużi skwadri ta' investigazzjoni konġunta u kwalunkwe forma oħra ta' operazzjoni transkonfinali konġunta, l-aċċess għall-informazzjoni u l-iskambju tagħha u teknoloġiji interoperabbli;

Emenda

(a) attivitajiet li jtejbu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-pulizija bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, inklużi skwadri ta' investigazzjoni konġunta u kwalunkwe forma oħra ta' operazzjoni transkonfinali konġunta, l-aċċess għall-informazzjoni u l-iskambju tagħha u teknoloġiji interoperabbli, ***bħall-estensjoni tal-Applikazzjoni ta' Netwerk Sikura għall-Iskambju ta' Informazzjoni(SIENA) jew l-implimentazzjoni ta' loaders tad-dejta għas-sistema ta' informazzjoni tal-Europol;***

Or. en

Emenda 71
Véronique Mathieu

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) attivitajiet li jtejbu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-pulizija bejn l-

Emenda

(a) attivitajiet li jtejbu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-pulizija bejn l-

awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, inklużi skwadri ta' investigazzjoni konġunta u kwalunkwe forma oħra ta' operazzjoni transkonfinali konġunta, l-aċċess għall-informazzjoni u l-iskambju tagħha u teknoloġiji interoperabbli;

awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, inklużi skwadri ta' investigazzjoni konġunta u kwalunkwe forma oħra ta' operazzjoni transkonfinali konġunta, l-aċċess għall-informazzjoni u l-iskambju tagħha u teknoloġiji interoperabbli, ***bħall-estensjoni tal-Applikazzjoni ta' Netwerk Sikura għall-Iskambju ta' Informazzjoni(SIENA) jew l-implimentazzjoni ta' loaders tad-dejta għas-sistema ta' informazzjoni tal-Europol;***

Or. fr

Emenda 72
Timothy Kirkhope
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) attivitajiet li jtejbu l-kooperazzjoni ***u l-koordinazzjoni*** tal-pulizija bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, inklużi skwadri ta' investigazzjoni konġunta u kwalunkwe forma oħra ta' operazzjoni transkonfinali konġunta, l-aċċess għall-informazzjoni u l-iskambju tagħha u teknoloġiji interoperabbli;

Emenda

(a) attivitajiet li jtejbu l-kooperazzjoni tal-pulizija, ***il-koordinazzjoni*** bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ***u l-kollaborazzjoni bejn l-aġenziji***, inklużi skwadri ta' investigazzjoni konġunta u kwalunkwe forma oħra ta' operazzjoni transkonfinali konġunta, l-aċċess għall-informazzjoni u l-iskambju tagħha u teknoloġiji interoperabbli;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kollaborazzjoni bejn l-aġenziji hi azzjoni oħra li tista' tipprovdi valur miżjud għall-UE u tikseb l-għanijiet tal-Fond għas-Sigurtà Interna.

Emenda 73
Rui Tavares

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) attivitajiet analitiċi, ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inklużi studji u valutazzjonijiet ta' theddid, riskju u impatt;

Emenda

(c) attivitajiet analitiċi, ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inklużi studji u valutazzjonijiet ta' theddid, riskju u impatt
li huma bbażati fuq evidenza u huma konformi mal-prijoritajiet u l-inizjattivi li jkunu ġew approvati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ebda fond m'għandu jintuża bħala mezz għall-finanzjament ta' miżuri jew prattiki li ma jkunux ġew approvati minn qabel bi qbil politiku fil-livell tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill l-ewwel.

Emenda 74
Rui Tavares

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) akkwist u/jew aġġornament ulterjuri ta' tagħmir tekniku, faċilitajiet siguri, infrastrutturi, bini u sistemi relatati, speċjalment sistemi tal-ICT u l-komponenti tagħhom, inkluż għall-fini tal-kooperazzjoni Ewropea dwar iċ-ċiberkriminalità, ***notevolment maċ-Ċentru Ewropew għaċ-Ċiberkriminalità;***

Emenda

(e) akkwist u/jew aġġornament ulterjuri ta' tagħmir tekniku, faċilitajiet siguri, infrastrutturi, bini u sistemi relatati, speċjalment sistemi tal-ICT u l-komponenti tagħhom, inkluż għall-fini tal-kooperazzjoni Ewropea dwar iċ-ċiberkriminalità;

Or. en

Emenda 75
Rui Tavares

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) miżuri għall-iskjerament, trasferiment, ittestjar u validazzjoni ta' metodoloġiji jew teknoloġiji ġodda inklużi proġetti pilota u miżuri ta' segwitu għal proġetti ta' riċerka tas-sigurtà ffinanzjati mill-Unjoni.

Emenda

(g) miżuri għall-iskjerament, trasferiment, ittestjar u validazzjoni ta' metodoloġiji jew teknoloġiji ġodda inklużi proġetti pilota u miżuri ta' segwitu għal proġetti ta' riċerka tas-sigurtà ffinanzjati mill-Unjoni ***soġġetti għal valutazzjoni minn qabel tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali (inkluża l-privatezza).***

Or. en

Emenda 76
Rui Tavares

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fi ħdan l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3, l-Istrument għandu jappoġġja wkoll azzjonijiet b'rabta ma' pajjiżi terzi u fihom, u b'mod partikolari dan li ġej:

(a) attivitajiet li jtejbu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-pulizija bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, inklużi skwadri ta' investigazzjoni konġunta u kwalunkwe forma oħra ta' operazzjoni transkonfinali konġunta, l-aċċess għall-informazzjoni u l-iskambju tagħha u teknoloġiji interoperabbli;

(b) netwerking, kunfidenza reċiproka, ftehim u tagħlim, l-identifikazzjoni, l-iskambju u t-tixrid ta' kompetenzi, l-esperjenza u l-prattiċi tajba, il-kondiviżjoni ta' informazzjoni, l-għarfien u t-tbassir kondiviżi tas-sitwazzjoni, l-ippjanar ta' kontinġenza u interoperabbiltà;

Emenda

imħassar

(c) akkwist u/jew aġġornament ulterjuri ta' tagħmir tekniku, inklużi sistemi tal-ICT u l-komponenti tagħhom;

(d) skambju, taħriġ u edukazzjoni ta' persunal u esperti tal-awtoritajiet rilevanti, inkluż taħriġ fil-lingwa;

(e) attivitajiet ta' żieda, tixrid u komunikazzjoni ta' għarfien;

(f) valutazzjonijiet ta' theddid, riskju u tal-impatt;

(g) studji u proġetti pilota.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-miżuri u l-azzjonijiet fir-rigward tad-dimensjoni esterna tas-sigurtà interna għandhom ikunu sorveljati mis-Servizz għall-Azzjoni Esterna u għandhom ikunu konsistenti mal-prinċipji u l-għanijiet ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, u mad-drittijiet fundamentali skont l-Artikoli 2, 6, 21 tat-Trattat UE.

Emenda 77

Marian-Jean Marinescu

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) akkwist u/jew aġġornament ulterjuri ta' tagħmir tekniku, inklużi sistemi tal-ICT u l-komponenti tagħhom;

Emenda

*(c) akkwist u/jew aġġornament ulterjuri ta' tagħmir tekniku, inklużi sistemi tal-ICT u l-komponenti tagħhom, **kapaċi li joperaw bejniethom u jikkondividu d-dejta ma' sistemi informatiċi oħra fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri;***

Or. en

Emenda 78

Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-grupp ta' ħidma mwaqqaf mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 6a tar-Regolament (UE) Nru .../2012 [regolament orizzontali] għandu jiżgura koerenza tal-azzjonijiet li jirrigwardaw pajjiżi terzi jew li jkunu qed jitwettqu hemmhekk u li jkunu ffinanzjati permezz ta' dan l-istrument mal-miżuri li jkunu qed jiġu implimentati fil-kuntest tal-azzjoni esterna tal-UE,

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-attivitajiet implimentati f'pajjiżi terzi huma eliġibbli biss għall-finanzjament skont regolamenti speċifiċi wara konsultazzjoni ta' grupp ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 6a tar-Regolament (UE) Nru .../2012 [regolament orizzontali]. Fir-rigward ta' miżuri f'pajjiżi terzi jew li jikkonċernawhom, il-Kummissjoni u l-Istati Membri u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, kull wieħed fil-limiti tal-kompetenza tiegħu, għandhom jiżguraw koordinazzjoni bejn dan ir-regolament u r-regolamenti speċifiċi u ma' strumenti u politiki oħra tal-Unjoni, pereżempju dawk li jagħmlu parti mill-azzjoni esterna tal-UE.

Emenda 79
Rui Tavares

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, dan l-Istrument jista' jintuża sabiex jiffinanzja azzjonijiet transnazzjonali u azzjonijiet ta' interess partikolari għall-Unjoni (“azzjonijiet tal-Unjoni”) li jikkonċernaw l-għanijiet ġenerali, speċifiċi u operazzjonali stabbiliti fl-Artikolu 3.

1. Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, dan l-Istrument jista' jintuża sabiex jiffinanzja azzjonijiet transnazzjonali u azzjonijiet ta' interess partikolari għall-Unjoni (“azzjonijiet tal-Unjoni”) li jikkonċernaw l-għanijiet ġenerali, speċifiċi u operazzjonali stabbiliti fl-Artikolu 3. ***L-azzjonijiet kollha bħal dawn għandhom ikunu konformi mad-drittijiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll mad-dispożizzjonijiet legali dwar il-protezzjoni***

tad-dejta u l-privatezza. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u aġenziji u korpi ta' sorveljanza rilevanti oħra jistgħu jivvalutaw dawn l-azzjonijiet biex jiżguraw konformità.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Suppost li superviżjoni indipendenti tiggarrantixxi l-konformità tal-azzjonijiet kollha mad-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għall-privatezza u l-konformità mal-istandards tal-protezzjoni tad-dejta.

Emenda 80 **Rui Tavares**

Proposta għal regolament **Artikolu 7 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Sabiex ikunu eliġibbli għall-finanzjament, l-azzjonijiet tal-Unjoni għandhom ikunu konformi mal-prijoritajiet identifikati fl-istrateġiji, **programmi**, **valutazzjonijiet ta' theddid u riskju** rilevanti tal-Unjoni, u *appoġġ* b'mod partikolari:

Emenda

2. Sabiex ikunu eliġibbli għall-finanzjament, l-azzjonijiet tal-Unjoni għandhom ikunu konformi mal-prijoritajiet identifikati **u maqbula mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill** fl-istrateġiji **u l-programmi** rilevanti tal-Unjoni, u *għandhom jappoġġaw*, b'mod partikolari:

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ebda fond m'għandu jintuża bħala mezz għall-finanzjament ta' miżuri jew prattiki li ma jkunux ġew approvati minn qabel bi qbil politiku fil-livell tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill l-ewwel.

Emenda 81 **Georgios Papanikolaou**

Proposta għal regolament **Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt f**

Test propost mill-Kummissjoni

(f) l-akkwist u/jew ammeljorament ulterjuri ta' tagħmir tekniku, faċilitajiet siguri, infrastrutturi, bini u sistemi relatati speċjalment sistemi tal-ICT u l-komponenti tagħhom fuq livell tal-Unjoni, inkluż għall-fini tal-kooperazzjoni Ewropea fuq iċ-ċiberkriminalità, notevolment Ċentru Ewropew għaċ-Ċiberkriminalità;

Emenda

(f) l-akkwist u/jew ammeljorament ulterjuri ta' tagħmir tekniku, **kompetenza**, faċilitajiet siguri, infrastrutturi, bini u sistemi relatati speċjalment sistemi tal-ICT u l-komponenti tagħhom fuq livell tal-Unjoni, inkluż għall-fini tal-kooperazzjoni Ewropea fuq iċ-ċiberkriminalità, notevolment Ċentru Ewropew għaċ-Ċiberkriminalità;

Or. el

Emenda 82
Rui Tavares

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) proġetti transnazzjonali li jinvolvu żewġ Stati Membri jew iżjed ***jew mill-inqas Stat Membru wieħed u pajjiż terz***;

Emenda

(b) proġetti transnazzjonali li jinvolvu żewġ Stati Membri jew iżjed;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-miżuri u l-azzjonijiet fir-rigward tad-dimensjoni esterna tas-sigurtà interna għandhom ikunu sorveljati mis-Servizz għall-Azzjoni Esterna u għandhom ikunu konsistenti mal-prinċipji u l-għanijiet ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, u mad-drittijiet fundamentali skont l-Artikoli 2, 6, 21 tat-Trattat UE.

Emenda 83
Rui Tavares

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) attivitajiet analitiċi, ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inklużi valutazzjonijiet ta' theddid, riskju u tal-impatt u proġetti li jissorveljaw l-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u għanijiet ta' politika tal-Unjoni fl-Istati Membri;

Emenda

(c) attivitajiet analitiċi, ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inklużi studji u valutazzjonijiet ta' theddid, riskju u impatt ***li huma bbażati fuq evidenza u f'konformità mal-prijoritajiet u l-inizzjattivi li jkunu ġew approvati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill***, u proġetti li jissorveljaw l-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u għanijiet ta' politika tal-Unjoni fl-Istati Membri;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ebda fond m'għandu jintuża bħala mezz għall-finanzjament ta' miżuri jew prattiki li ma jkunux ġew approvati minn qabel bi qbil politiku fil-livell tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill l-ewwel.

Emenda 84
Rui Tavares

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) l-akkwist u/jew ammeljorament ulterjuri ta' tagħmir tekniku, faċilitajiet siguri, infrastrutturi, bini u sistemi relatati speċjalment sistemi tal-ICT u l-komponenti tagħhom fuq livell tal-Unjoni, inkluż għall-fini tal-kooperazzjoni Ewropea fuq iċ-ċiberkriminalità, notevolment Ċentru Ewropew għaċ-Ċiberkriminalità;

Emenda

(f) akkwist u/jew aġġornament ulterjuri ta' tagħmir tekniku, faċilitajiet siguri, infrastrutturi, bini u sistemi relatati, speċjalment sistemi tal-ICT u l-komponenti tagħhom, inkluż għall-fini tal-kooperazzjoni Ewropea dwar iċ-ċiberkriminalità;

Or. en

Emenda 85
Rui Tavares

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(j) azzjonijiet b'rabta ma' pajjiżi terzi u fihom, kif imsemmi fl-Artikolu 4 (2).

imħassar

Or. en

Emenda 86
Hubert Pirker

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Id-delega tas-setgħat imsemmija f'dan ir-Regolament għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 7 snin mid-[data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. ***Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' tul ta' żmien identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux din l-estensjoni mhux iżjed tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.***

2. Id-delega tas-setgħat imsemmija f'dan ir-Regolament għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 7 snin mid-[data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. de

Emenda 87
Hubert Pirker

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Att delegat adottat skont dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ biss jekk l-ebda oġġezzjoni ma tkun ġiet espressa jew mill-Parlament Ewropew jew

5. Att delegat adottat skont dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ biss jekk l-ebda oġġezzjoni ma tkun ġiet espressa jew mill-Parlament Ewropew jew

il-Kunsill f'perjodu ta' **xahrejn (2)** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż **b'xahrejn (2)** b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

il-Kunsill f'perjodu ta' **tliet** xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi **tliet xhur** b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. de

Emenda 88
Alexander Alvaro

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom *jirrevedu* dan ir-Regolament sa mhux iżjed tard **mit-30** ta' Ġunju 2020.

Emenda

Abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom *jerġgħu jeżaminaw* dan ir-Regolament sa mhux iżjed tard **mill-1** ta' Ġunju 2020.

Or. en

Emenda 89
Timothy Kirkhope
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Anness 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

Miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali, serja u organizzata, b'mod partikolari t-traffikar tad-droga, it-traffikar tal-bnedmin, l-abbuż sesswali tat-tfal u proġetti li jidentifikaw u jżarmaw netwerks kriminali, jipproteġu l-ekonomija kontra l-infiltrazzjoni kriminali

Emenda

Miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali, serja u organizzata, b'mod partikolari t-traffikar tad-droga, it-traffikar tal-bnedmin, l-abbuż sesswali tat-tfal u **d-distribuzzjoni ta' immaġinijiet ta' abbuż fuq it-tfal** u proġetti li jidentifikaw u jżarmaw netwerks

u jnaqqsu l-inċentivi finanzjarji billi jissekwestraw, jiffriżaw u jikkonfiskaw assi kriminali.

kriminali, jipproteġu l-ekonomija kontra l-infiltrazzjoni kriminali u jnaqqsu l-inċentivi finanzjarji billi jissekwestraw, jiffriżaw u jikkonfiskaw assi kriminali.

Or. en

Emenda 90
Georgios Papanikolaou

Proposta għal regolament
Anness 1 - punt ġdid wara l-aħħar punt

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Miżuri intenzjonati għal sħubija eqreb bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi (b'mod partikolari l-pajjiżi li qegħdin fil-fruntieri esterni tagħha) u t-tfassil u l-implimentazzjoni ta' programmi operattivi ta' azzjoni għall-kisba tal-prijoritajiet strateġiċi tal-UE msemmija hawn fuq.

Or. el